Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2022/0344(COD)

25.5.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma
(COM(2022)0540 – C9-0361/2022 – 2022/0344(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Martin Häusling

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-rapporteur jilqa' r-reviżjoni proposta tat-tliet biċċiet ta' leġiżlazzjoni relatati mal-ilma u jissuġġerixxi xi titjib immirat u limitat.

Il-progress kajman ġenerali fil-kisba tal-objettivi tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma jista' jiġi attribwit għal nuqqas ta' implimentazzjoni, kamp ta' applikazzjoni insuffiċjenti, u miżuri ta' restawr insuffiċjenti jew inadegwati li jiżguraw konnettività idroloġika u ekoloġika[1].

L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jaraw li jingħeleb in-nuqqas ta' implimentazzjoni.

Skont il-kontroll tal-idoneità tal-2019, il-listi ta' sustanzi niġġiesa li jaffettwaw l-ilma tal-wiċċ u l-ilma ta' taħt l-art iridu jiġu aġġornati, u l-mod kif dawn jiġu indirizzati jrid jiġi armonizzat. L-obbligi għall-Istati Membri għandhom jiġu allinjati malajr mal-aħħar xjenza dwar il-kontaminanti ta' tħassib emerġenti. Il-monitoraġġ tat-taħlitiet kimiċi għandu jittejjeb. B'mod aktar ġenerali, l-aċċess għad-data u t-trasparenza tagħha jeħtieġ li jiġu żgurati.

Fis-sajf tal-2022, l-impatt estrem tat-tibdil fil-klima fuq id-disponibbiltà tal-ilma sar evidenti ħafna, u l-kunsens xjentifiku jgħidilna li dan huwa biss il-bidu. Il-bdiewa u l-produzzjoni tal-ikel huma fost l-ewwel vittmi tat-tibdil fil-klima.

Id-diżastru ambjentali li seħħ, anke fis-sajf tal-2022, fil-baċir tax-xmara Oder wera l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali u li tiġi żgurata l-kooperazzjoni sħiħa u mgħaġġla tal-Istati Membri kollha kkonċernati.

Ir-reżistenza antimikrobika saret theddida kbira għas-saħħa pubblika, u għalhekk ir-rapporteur jaqbel ħafna mal-proposta li jiġu inklużi ġeni ta' reżistenza antimikrobika fil-listi ta' sorveljanza ta' ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, u jiġbed l-attenzjoni għall-ilma mormi mill-biċċeriji, li wera li fih ġeni ta' reżistenza antimikrobika[2].

Ċerti prattiki agrikoli ġew identifikati bħala ostaklu għall-kisba ta' status tajjeb fil-korpi tal-ilma tal-UE, li jwassal għal tniġġis min-nitrati u mill-pestiċidi fl-ilma ta' taħt l-art[3]. L-Istati Membri għandhom għalhekk jiżguraw li l-Istandards tal-Kwalità tal-Ilma ta' Taħt l-Art rilevanti jiġu rispettati bis-sħiħ.

L-indirizzar tan-nixfa u għalhekk l-iżgurar ta' status kwantitattiv tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art huwa dejjem aktar importanti. Hija meħtieġa attenzjoni akbar għall-prattiki ta' astrazzjoni, peress li l-astrazzjoni tal-ilma għall-agrikoltura saret pressjoni kbira li tikkawża falliment ta' status kwantitattiv tajjeb tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art[4]. L-Istati Membri jridu jiżguraw użu effiċjenti u sostenibbli tal-ilma, inkluż fl-agrikoltura, u l-kontrolli fuq l-astrazzjoni tal-ilma ħelu tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art ma jistgħux jeskludu l-użu agrikolu.
L-agrikoltura qed tikkontribwixxi u tisfa vittma ta' status kwalitattiv u kwantitattiv degradanti

[1]https://www.igb-berlin.de/sites/default/files/media-files/download-files/IGB_Policy_Brief_WFD_2019.pdf
[2]https://www.greenpeace.de/publikationen/Antibiotikarestistente%20Keime%20in%20SchlachthofAbw%C3%A4ssern.pdf
[3]https://www.eea.europa.eu/themes/water/european-waters/water-quality-and-water-assessment/water-assessments
[4]https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/PDF/?uri=CELEX:52021DC0970

tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta’ taħt l-art. Wasal iż-żmien li nreġġgħu lura x-xejra.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) It-tniġġis kimiku tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta’ taħt l-art joħloq theddida għall-ambjent akkwatiku, b’effetti bħal tossiċità akuta u kronika f’organiżmi akkwatiċi, akkumulazzjoni ta’ sustanzi niġġiesa fl-ekosistema u telf tal-ħabitats u tal-bijodiversità, kif ukoll ***theddida*** għas-saħħa tal-bniedem. L-iffissar ta’ standards ta’ kwalità ambjentali ***jgħin sabiex tiġi implimentata l-ambizzjoni*** ta’ tniġġis żero ***għal*** ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi.	(1) It-tniġġis kimiku tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta’ taħt l-art joħloq theddida għall-ambjent akkwatiku, b’effetti bħal tossiċità akuta u kronika f’organiżmi akkwatiċi, akkumulazzjoni ta’ sustanzi niġġiesa fl-ekosistema u telf tal-ħabitats u tal-bijodiversità, ***għall-forestrija u l-agrikoltura,*** kif ukoll għas-saħħa tal-bniedem. L-iffissar ta’ standards ta’ kwalità ambjentali ***jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-ambizzjoni*** ta’ tniġġis żero ***lejn*** ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi***, u dan jgħin fil-protezzjoni kemm tal-ambjent naturali kif ukoll tas-saħħa tal-bniedem***.

Emenda 2

Proposta għal direttiva
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Ħafna territorji fl-Unjoni huma soġġetti għal restrizzjonijiet tal-ilma kbar u li qed jiżdiedu. In-nixfiet kbar u persistenti ta’ dawn l-aħħar snin, speċjalment fir-reġjuni tal-Mediterran, qed ipoġġu f’riskju l-produzzjoni agrikola u qed jikkawżaw tnaqqis serju fir-riżervi

tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art[1a].

1a

https://www.oecd.org/agriculture/topics/water-and-agriculture/

Emenda 3

Proposta għal direttiva
Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1b) Minħabba li l-istatistika mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) turi li madwar 28 % tal-ilma kollu kkunsmat jintuża fl-agrikoltura, ir-reviżjonijiet futuri ta' dawn id-Direttivi jenħtieġ li jqisu wkoll l-impatt tagħhom fuq id-disponibbiltà tal-ilma u għalhekk il-produzzjoni tal-ikel, kif ukoll il-kwalità tal-ilma tax-xorb u l-fluss ambjentali.

Emenda 4

Proposta għal direttiva
Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1c) L-ilma huwa ġid pubbliku għall-benefiċċju ta' kulħadd li, bħala riżorsa naturali essenzjali, insostitwibbli u indispensabbli għall-ħajja, irid jiġi meqjus bir-reqqa fid-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali tiegħu. Kemm it-tibdil fil-klima, inkluża ż-żieda fil-frekwenza ta' diżastri naturali u avvenimenti estremi tat-temp, kif ukoll id-degradazzjoni tal-bijodiversità, jaffettwaw b'mod negattiv il-kwalità u l-kwantità tal-ilma, u dan iwassal għal pressjoni fuq setturi li jiddependu mid-disponibbiltà tal-ilma, b'mod partikolari l-agrikoltura.

Emenda 5

Proposta għal direttiva
Premessa 1d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1d) Filwaqt li fir-Rapport tagħha tal-2018 dwar "European waters – assessment of status and pressures" (L-ilmijiet Ewropej – valutazzjoni tal-istatus u tal-pressjonijiet), l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA) identifikat ċerti prattiki agrikoli bħala ostakli għall-kisba ta' status kimiku tajjeb tal-ilma ta' taħt l-art fl-Unjoni, li jwasslu għal tniġġis min-nitrati u mill-pestiċidi, ġie osservat tnaqqis kostanti fl-użu ta' fertilizzanti minerali u f'eċċessi ta' nutrijenti fl-UE matul l-aħħar deċennji[1a]. Sorsi sinifikanti oħra huma l-iskariki li mhumiex konnessi ma' sistema tad-drenaġġ, siti kkontaminati jew siti industrijali abbandunati.
	1a https://www.eea.europa.eu/publications/state-of-water

Emenda 6

Proposta għal direttiva
Premessa 1e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1e) L-istatus tajjeb tal-korpi tal-ilma u l-ġestjoni effiċjenti tar-riżorsi tal-ilma jirrappreżentaw prijorità għall-agrikoltura, peress li l-bdiewa jiddependu fuq l-ilma biex iwettqu l-attività tagħhom, u għalhekk, għandhom interess vestit fl-użu sostenibbli ta' din ir-riżorsa.

Emenda 7

Proposta għal direttiva
Premessa 1f (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1f) Skont ir-Rapport tal-2021 tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Qafas dwar l-Ilma (2000/60/KE), id-Direttiva dwar l-Istandards tal-Kwalità Ambjentali (2008/105/KE emendata bid-Direttiva 2013/39/UE) u d-Direttiva dwar l-Għargħar (2007/60/KE), l-effiċjenza tal-ilma għadha prijorità għolja għall-Istati Membri, filwaqt li ġie osservat progress konsiderevoli dwar miżuri bażiċi li jindirizzaw l-astrazzjoni tal-ilma, li għadha pressjoni kbira kontra l-kisba ta' status kwantitattiv tajjeb tal-korpi tal-ilma ta' taħt l-art[1a]. Filwaqt li l-agrikoltura hija wieħed mill-utenti ewlenin tal-astrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art għall-fini tat-tisqija, il-produzzjoni tal-ikel taqdi skop soċjetali fundamentali, u għalhekk għandha tingħata prijorità fil-miżuri li jippromwovu l-effiċjenza tal-ilma.
	[1a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT%20/PDF/?uri=CELEX:52021DC0970

Emenda 8

Proposta għal direttiva
Premessa 1g (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1g) Sabiex tiġi ffaċilitata tranżizzjoni lejn settur agrikolu aktar sostenibbli u produttiv li jkun reżistenti għal-limitazzjonijiet tal-ilma, jenħtieġ li jiġu stabbiliti inċentivi għall-bdiewa biex itejbu l-ġestjoni tal-ilma u l-modernizzazzjoni tas-sistemi u t-tekniki

tat-tisqija.

Emenda 9

Proposta għal direttiva
Premessa 1h (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
	(1h) Meta jintużaw b'mod imprudenti, il-pestiċidi jistgħu jaffettwaw b'mod sever il-kwalità u l-kwantità tal-ilma disponibbli għall-użu agrikolu, u dan iwassal għal impatti negattivi kemm fuq il-bijodiversità akkwatika kif ukoll fuq dik terrestri. Għalhekk huwa xieraq li jiġu mmonitorjati l-impatt u d-destin ekotossikoloġiku tal-pestiċidi u l-metaboliti tagħhom fil-korpi tal-ilma.

Emenda 10

Proposta għal direttiva
Premessa 1i (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
	(1i) Huwa essenzjali li jiġu kkunsidrati l-isforzi li saru s'issa f'setturi bħall-agrikoltura, fejn diġà kien possibbli li titnaqqas il-kontaminazzjoni fitosanitarja b'14 % meta mqabbla mal-2015-2017 u l-perċentwal jilħaq 26 % jekk inħarsu lejn l-aktar sustanzi niġġiesa dannużi. B'dan kollu, iċ-ċifri juru tnaqqis kontinwu fl-użu u r-riskju tas-sustanzi kimiċi, fejn l-2020 kienet it-tieni sena konsekuttiva li fiha kien hemm tnaqqis sinifikanti fl-użu tal-pestiċidi, speċjalment dawk l-aktar perikolużi[1a].
	1a https://food.ec.europa.eu/plants/pesticides/sustainable-use-pesticides/farm-fork-targets-progress/eu-trends_en

Emenda 11

Proposta għal direttiva
Premessa 1j (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1j) It-tniġġis kimiku tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art joħloq ukoll theddida għall-agrikoltura peress li jillimita d-disponibbiltà tal-ilma adattat għat-tisqija tal-għelejjel, u jkompli jaggrava l-iskarsezza tal-ilma. Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jżidu l-appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni biex jimplimentaw b'mod rapidu soluzzjonijiet biex jindirizzaw l-iskarsezza u t-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art, inklużi d-diġitalizzazzjoni, l-agrikoltura ta' preċiżjoni, it-tisqija ottimizzata u l-modernizzazzjoni tat-tisqija u użu ċirkolari tar-riżorsi, għal ġestjoni mtejba tal-ilma reżiljenti għat-tibdil fil-klima u applikazzjoni aktar immirata tal-pestiċidi u l-fertilizzanti għall-għelejjel, alternattivi li jniġġsu inqas u aktar sikuri għall-inputs agrikoli, varjetajiet aktar reżistenti u effiċjenti fin-nutrijenti u użu akbar tal-ilma mormi trattat għat-tisqija agrikola. Dan jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-kisba ta' sistema tal-ikel tal-UE sostenibbli u reżiljenti filwaqt li jnaqqas it-tniġġis diffuż mill-agrikoltura u l-ħtieġa ta' astrazzjoni agrikola.

Emenda 12

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Fit-tfittxija ta' livell għoli ta' protezzjoni ambjentali u fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero, l-Unjoni trid tqis id-

diversità tas-sitwazzjonijiet fir-reġjuni differenti tal-UE, l-impatt fuq is-sigurtà tal-ikel, il-produzzjoni tal-ikel u l-aċċessibbiltà tal-prezzijiet tal-ikel, kif ukoll dieti tajbin għas-saħħa u sostenibbli.

Emenda 13

Proposta għal direttiva
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) L-objettivi li jinkiseb "status tajjeb tal-korpi tal-ilma" u li tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-ilma huma trasversali u spiss ma jiġux segwiti b'mod koerenti biżżejjed. Il-ġestjoni tajba tal-ilma jenħtieġ li tiġi integrata fil-politiki kollha tal-UE li jikkonċernaw setturi li jużaw l-ilma.

Emenda 14

Proposta għal direttiva
Premessa 3b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Il-Politika Agrikola Komuni l-ġdida 2023-2027 diġà żiedet l-ambizzjoni u introduċiet ir-rispett obbligatorju tal-objettivi ambjentali u klimatiċi, u tat ukoll il-possibbiltà li jiġu introdotti u promossi ekoskemi, inkluż, pereżempju, it-titjib tal-ġestjoni tal-ilma tal-Unjoni.

Emenda 15

Proposta għal direttiva
Premessa 3c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
	(3c) Il-kontroll tal-idoneità indika li kienet meħtieġa integrazzjoni aħjar tal-objettivi tal-ilma fil-politika agrikola. Il-PAK il-ġdida introduċiet miżuri li jagħmlu l-ġestjoni tal-ilma aktar sostenibbli. Għal koerenza msaħħa bejn il-politika tal-agrikoltura u dik tal-ilma, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu sħiħ mill-opportunitajiet disponibbli fil-PAK il-ġdida u jintegraw bis-sħiħ il-kwistjonijiet tal-ilma fil-pjanijiet strateġiċi tagħhom, inkluż l-użu tal-AKIS, u jistimulaw servizzi ta' konsulenza biex jippromwovu l-aħjar prattiki fir-rigward tal-ġestjoni tal-ilma.

Emenda 16

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
	(7a) It-traspożizzjoni xierqa ta' din id-Direttiva tiddependi ħafna mill-miżuri preventivi stabbiliti mill-Istati Membri u mill-Unjoni. L-Istati Membri għandhom id-dmir mhux biss li jkejlu, bl-aħjar kapaċità tagħhom, l-istatus kimiku tal-ilma ta' taħt l-art u tal-ilma tal-wiċċ, iżda wkoll li jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jipprevjenu t-tniġġis tal-ilma.

Emenda 17

Proposta għal direttiva
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda
	(9a) Skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni, l-Istati Membri huma obbligati jidentifikaw l-ilmijiet affettwati u dawk

f'riskju, jiddeżinjaw żoni vulnerabbli għan-nitrati, jiżviluppaw programmi ta' azzjoni u jimplimentaw il-miżuri rilevanti. F'dan ir-rigward, għad hemm bżonn ta' titjib fl-armonizzazzjoni tal-miżuri ta' kontroll u tas-sistemi ta' kejl tal-kwalità tal-ilma bejn l-Istati Membri, sabiex ikun hemm standards armonizzati madwar l-Unjoni li jagħmlu possibbli l-komparabbiltà bejn l-Istati Membri, u b'hekk jiġu evitati problemi ta' kompetizzjoni fis-settur agrikolu Ewropew, li jirriżultaw f'disturbi fis-suq intern.

Emenda 18

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ġie espress tħassib dwar ir-riskju li tiżviluppa reżistenza għall-antimikrobiċi mill-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi u ġeni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ambjent akkwatiku, iżda ftit li xejn sar ***monitoraġġ***. Jenħtieġ li l-ġeni ta' reżistenza antimikrobika rilevanti jiġu inklużi wkoll fil-listi ta' sorveljanza tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art u jiġu mmonitorjati hekk kif ikunu ġew żviluppati metodi ta' monitoraġġ xierqa. Dan huwa konformi mal-"Pjan ta' Azzjoni Ewropew 'Saħħa Waħda' kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi", adottat mill-Kummissjoni f'Ġunju 2017, u mal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, li tindirizza wkoll dan it-tħassib.	(10) Ġie espress tħassib dwar ir-riskju li tiżviluppa reżistenza għall-antimikrobiċi mill-preżenza ta' mikroorganiżmi reżistenti għall-antimikrobiċi u ġeni ta' reżistenza għall-antimikrobiċi fl-ambjent akkwatiku, ***inkluż ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-użu ta' antibijotiċi fl-agrikoltura li suppost huma riżervati għall-użu mill-bniedem,*** iżda ftit li xejn sar ***progress fil-monitoraġġ. Dan huwa dovut għal nuqqas ta' metodi standardizzati, inkluż nuqqas ta' data ta' limitu u ta' valutazzjoni komparattiva biex tingħata orjentazzjoni lill-isforzi tal-immudellar tar-riskji evoluzzjonarji, epidemjoloġiċi, u oħrajn[1a]. Il-preżenza ta' ġeni u mikroorganiżmi tal-AMR hija konsegwenza tal-użu tal-antibijotiċi fil-mediċina umana u veterinarja, filwaqt li jrid jiġi nnutat li fil-perjodu 2011-2018 inkiseb tnaqqis ta' 35 % tal-piż tal-antibijotiċi fl-agrikoltura. Madankollu, biex tittejjeb il-bażi tal-għarfien dwar il-preżenza u l-oriġini tagħhom,*** jenħtieġ li l-ġeni ta' reżistenza antimikrobika rilevanti jiġu inklużi wkoll fil-listi ta' sorveljanza

tal-ilma tal-wiċċ u ***tal-ilma*** ta' taħt l-art u jiġu mmonitorjati hekk kif ikunu ġew żviluppati metodi ta' monitoraġġ xierqa. Dan huwa konformi mal-"Pjan ta' Azzjoni Ewropew 'Saħħa Waħda' kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi", adottat mill-Kummissjoni f'Ġunju 2017, u mal-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa, li tindirizza wkoll dan it-tħassib. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jistinkaw biex jidentifikaw hotspots ewlenin għall-evoluzzjoni u t-tixrid tar-reżistenza antimikrobika.***

____

[1a] It-tieni rapport konġunt ECDC/EFSA/EMA dwar l-analiżi integrata tal-konsum ta' aġenti antimikrobiċi u l-okkorrenza ta' reżistenza antimikrobika f'batterji mill-bnedmin u mill-annimali li jipproduċu l-ikel, 2017 https://www.ecdc.europa.eu/en/publications-data/ecdcefsaema-second-joint-report-integrated-analysis-consumption-antimicrobial

Emenda 19

Proposta għal direttiva
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Sustanzi bħall-mikroplastiks joħolqu riskju ċar għas-saħħa pubblika u għall-ambjent, iżda wkoll għal attivitajiet bażiċi bħall-iżvilupp tal-agrikoltura. Il-preżenza ta' dawn il-partiċelli u oħrajn jista' jkollha implikazzjonijiet mhux biss fuq l-ilma li jirċievu l-bhejjem u l-għelejjel, iżda wkoll fuq il-fertilità tal-ħamrija, u b'hekk tikkomprometti s-saħħa u l-iżvilupp tajjeb tal-għelejjel preżenti u futuri[1a].

____

1a https://www.sciencedirect.com/science/article/pii/S2352186422000724

Emenda 20

Proposta għal direttiva
Premessa 10b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1729 li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/652/EU[1a] tistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb data komparabbli u affidabbli dwar ir-reżistenza għall-antimikrobiċi fl-Unjoni Ewropea, inkluż permezz tal-monitoraġġ tal-ilma mormi tal-biċċeriji bħala veikolu potenzjali ta' batterji reżistenti għall-antibijotiċi u għalhekk rotta possibbli ta' kontaminazzjoni ambjentali. Batterji reżistenti għall-antibijotiċi nstabu fl-ilma skarikat mill-biċċeriji.

Emenda 21

Proposta għal direttiva
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) B'mod ġenerali, il-konklużjonijiet tal-kontroll tal-idoneità jindikaw li d-Direttivi huma ġeneralment adattati għall-iskop tagħhom, b'ambitu għal titjib, inkluż l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni xierqa tal-objettivi tagħhom, li jistgħu jinkisbu permezz ta' aktar finanzjament mill-UE. Il-valutazzjoni tindika li d-Direttivi s'issa ġeneralment wasslu għal livell ogħla ta' protezzjoni tal-korpi tal-ilma u ġestjoni tar-riskju ta' għargħar.

Emenda 22

Proposta għal direttiva
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, jenħtieġ li tiġi pprovduta flessibbiltà adegwata meta jiġu identifikati miżuri speċifiċi fuq l-iskali nazzjonali u reġjonali.

Emenda 23

Proposta għal direttiva
Premessa 13b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13b) Aktar minn nofs il-korpi tal-ilma fl-UE ma jikkonformawx mal-limitu implimentat għall-kwalità tal-ilma, u hemm nuqqas ta' data, u dan jindika d-diffikultajiet tas-servizzi ta' spezzjoni u monitoraġġ tal-Istati Membri fil-kisba tal-objettivi stabbiliti mid-Direttiva[1a]. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti lis-servizzi ta' spezzjoni u monitoraġġ tal-Istati Membri sabiex jilħqu l-objettivi stabbiliti mid-Direttiva. __________________ ***[1a] EEA, 2018 https://www.eea.europa.eu/publications/state-of-water***

Emenda 24

Proposta għal direttiva
Premessa 13c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13c) Kwalunkwe deċiżjoni fl-għażla, ir-rieżami tas-sustanzi u l-istabbiliment ta'

EQS trid tkun ibbażata fuq il-valutazzjoni tar-riskju u ssegwi approċċ proporzjonat, trasparenti u bbażat fuq ix-xjenza, filwaqt li jitqiesu l-konsegwenzi soċjoekonomiċi inkluża s-sigurtà tal-ikel u r-rakkomandazzjonijiet mill-Parlament Ewropew, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Emenda 25

Proposta għal direttiva
Premessa 13d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13d) Filwaqt li d-Direttiva 2000/60/KE stabbiliet ir-regoli biex isir progress dwar il-kwantità u l-kwalità tal-ilma, il-kontroll tal-idoneità wera li l-progress kajman fil-kisba tal-objettivi ta' din id-Direttiva jista', fost affarijiet oħra, jiġi attribwit għal nuqqas ta' riżorsi finanzjarji suffiċjenti kif ukoll għal kumplessità regolatorja u ekoloġika, inkluż dewmien possibbli biex l-ilma ta' taħt l-art jirreaġixxi għall-miżuri u fir-rigward tal-iskedi ta' żmien għar-rappurtar. Il-miżuri li jtejbu l-istatus tal-korpi tal-ilma permezz tar-restawr tax-xmajjar u s-servizzi tal-ekosistema jipprovdu benefiċċji finanzjarji li jegħlbu l-kostijiet u li jistgħu jnaqqsu n-nefqa meħtieġa għall-Istati Membri. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tindika nuqqas ta' implimentazzjoni, kamp ta' applikazzjoni insuffiċjenti, u miżuri ta' restawr insuffiċjenti jew inadegwati li jiżguraw il-konnettività idroloġika u ekoloġika[1a].
	[1a] https://www.igb-berlin.de/sites/default/files/media-files/download-files/IGB_Policy_Brief_WFD_2019.pdf

Emenda 26

Proposta għal direttiva
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Ir-rieżami tal-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE kkonkluda li bosta sustanzi prijoritarji ma għadhomx ta' tħassib għall-Unjoni kollha u, għalhekk, jenħtieġ li ma jibqgħux jiġu inklużi fil-Parti A tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jitqiesu bħala sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi u jiġu inklużi fil-Parti C tal-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE flimkien mal-EQS korrispondenti tagħhom. Meta wieħed iqis li dawk is-sustanzi niġġiesa ma għadhomx jitqiesu li huma ta' tħassib għall-Unjoni kollha, l-EQS jeħtieġ li jiġu applikati biss ***fejn*** dawk is-sustanzi niġġiesa jistgħu jkunu għadhom ta' tħassib lokali jew reġjonali jew nazzjonali.	(17) Ir-rieżami tal-lista ta' sustanzi prijoritarji fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2008/105/KE kkonkluda li bosta sustanzi prijoritarji ma għadhomx ta' tħassib għall-Unjoni kollha u, għalhekk, jenħtieġ li ma jibqgħux jiġu inklużi fil-Parti A tal-Anness I ta' dik id-Direttiva. Għalhekk, jenħtieġ li dawk is-sustanzi jitqiesu bħala sustanzi niġġiesa speċifiċi għall-baċiri idrografiċi u jiġu inklużi fil-Parti C tal-Anness II tad-Direttiva 2008/105/KE flimkien mal-EQS korrispondenti tagħhom. Meta wieħed iqis li dawk is-sustanzi niġġiesa ma għadhomx jitqiesu li huma ta' tħassib għall-Unjoni kollha, l-EQS jeħtieġ li jiġu applikati biss ***meta*** dawk is-sustanzi niġġiesa jistgħu jkunu għadhom ta' tħassib lokali jew reġjonali jew nazzjonali ***peress li jippreżentaw riskji sinifikanti***.

Emenda 27

Proposta għal direttiva
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza tar-regoli fl-Unjoni, huwa meħtieġ li din ir-reviżjoni tkun konformi u konsistenti ma' regoli oħra marbuta mal-istess suġġett u li bħalissa qed jiġu rieżaminati jew innegozjati fost il-koleġiżlaturi.

Emenda 28

Proposta għal direttiva
Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) Meta jitqiesu ż-żidiet f'avvenimenti tat-temp imprevedibbli, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, u f'inċidenti ta' tniġġis sinifikanti li jirriżultaw fi jew jaggravaw it-tniġġis aċċidentali transfruntier, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiżguraw li tiġi pprovduta informazzjoni immedjata dwar tali inċidenti lil Stati Membri potenzjalment affettwati oħrajn u jikkooperaw b'mod effettiv ma' Stati Membri potenzjalment affettwati sabiex itaffu l-effetti tal-avveniment jew tal-inċident. Huwa meħtieġ ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kooperazzjoni transfruntiera f'każ ta' kwistjonijiet transfruntiera aktar strutturali, jiġifieri mhux aċċidentali u aktar fit-tul, li ma jistgħux jissolvew fil-livell tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/60/KE. F'każ li tkun meħtieġa assistenza Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jibagħtu talbiet għal assistenza liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Rispons ta' Emerġenza tal-Kummissjoni, li se jikkoordina l-offerti possibbli ta' assistenza u l-iskjerament tagħhom permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[64].	(32) Meta jitqiesu ż-żidiet f'avvenimenti tat-temp imprevedibbli, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet fit-tul, ***li huma l-muturi ewlenin tal-falliment tal-għelejjel,*** u f'inċidenti ta' tniġġis sinifikanti li jirriżultaw fi jew jaggravaw it-tniġġis aċċidentali transfruntier***, kif ukoll in-nirien***, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiżguraw li tiġi pprovduta informazzjoni immedjata dwar tali inċidenti lil Stati Membri potenzjalment affettwati oħrajn u jikkooperaw b'mod effettiv ma' Stati Membri potenzjalment affettwati sabiex itaffu l-effetti tal-avveniment jew tal-inċident. ***F'dan ir-rigward, huwa essenzjali li f'din ir-reviżjoni jitqies li hemm reġjuni Ewropej li huma partikolarment esposti għal dan it-tip ta' fenomeni estremi tat-temp, kif ukoll għat-tniġġis tal-ilma, minħabba l-karatteristiċi ġeografiċi u klimatoloġiċi partikolari tagħhom.*** Huwa meħtieġ ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u li jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-kooperazzjoni transfruntiera f'każ ta' kwistjonijiet transfruntiera aktar strutturali, jiġifieri mhux aċċidentali u aktar fit-tul, li ma jistgħux jissolvew fil-livell tal-Istati Membri, f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2000/60/KE. F'każ li tkun meħtieġa assistenza Ewropea, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jistgħu jibagħtu talbiet għal assistenza liċ-Ċentru ta' Koordinazzjoni tar-Rispons ta' Emerġenza tal-Kummissjoni, li se jikkoordina l-offerti possibbli ta' assistenza u l-iskjerament tagħhom permezz tal-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, f'konformità mal-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
[64] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-	[64] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-

Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

Emenda 29

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 –punt d
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 2 – punt 35

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
‘Standard ta' kwalità ambjentali' tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota li ma għandhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq ibbażat fuq l-effetti**.**";	***"***Standard ta' kwalità ambjentali***"*** tfisser il-konċentrazzjoni ta' sustanza niġġiesa partikolari jew ta' grupp ta' sustanzi niġġiesa fl-ilma, fis-sediment jew fil-bijota li ma għandhomx jinqabżu sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, jew valur ta' skattar għall-effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent ta' tali sustanza niġġiesa jew grupp ta' sustanzi niġġiesa mkejla bl-użu ta' metodu xieraq ibbażat fuq l-effetti ***flimkien ma' analiżi kimika tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u skont l-aħjar għarfien xjentifiku disponibbli***";

Emenda 30

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 3 – paragrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4a. Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali ***ta' oriġini naturali jew force majeure***, b'mod partikolari għargħar ***estrem*** u nixfiet ***fit-tul***, jew inċidenti ***sinifikanti*** ta' tniġġis, li jistgħu jaffettwaw lill-korpi tal-ilma downstream li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti għall-korpi tal-ilma downstream f'tali Stati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni, jiġu informati	4a. Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali, b'mod partikolari għargħar***, nirien*** u nixfiet, jew inċidenti ta' tniġġis, li jistgħu jaffettwaw lill-korpi tal-ilma downstream li jinsabu fi Stati Membri oħrajn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti għall-korpi tal-ilma downstream f'tali Stati Membri, kif ukoll il-Kummissjoni, jiġu informati minnufih u li tiġi stabbilita l-kooperazzjoni meħtieġa

minnufih u li tiġi stabbilita l-kooperazzjoni meħtieġa sabiex jiġu investigati l-kawżi u jiġu indirizzati l-konsegwenzi taċ-ċirkostanzi jew l-inċidenti eċċezzjonali.

sabiex jiġu investigati l-kawżi u jiġu indirizzati l-konsegwenzi taċ-ċirkostanzi jew l-inċidenti eċċezzjonali.

Emenda 31

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 11 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) fl-Artikolu 11(3), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:
	(c)"miżuri biex jiġi promoss użu effiċjenti u sostenibbli tal-ilma, inkluż fl-agrikoltura, sabiex ma tkunx kompromessa l-kisba tal-għanijiet speċifikati fl-Artikolu 4;"

Emenda 32

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta Stat Membru jidentifika kwistjoni li jkollha impatt fuq il-ġestjoni tal-ilma tiegħu, iżda li ma tkunx tista' tissolva minn dak l-Istat Membru, huwa għandu jinnotifika l-kwistjoni lill-Kummissjoni u lil kwalunkwe Stat Membru ieħor ikkonċernat u jagħmel rakkomandazzjonijiet għar-riżoluzzjoni tagħha.	1. Meta Stat Membru jidentifika kwistjoni li jkollha impatt fuq il-ġestjoni tal-ilma tiegħu, iżda li ma tkunx tista' tissolva minn dak l-Istat Membru ***jew li tista' taffettwa Stat Membru ieħor***, huwa għandu jinnotifika l-kwistjoni lill-Kummissjoni u lil kwalunkwe Stat Membru ieħor ikkonċernat u jagħmel rakkomandazzjonijiet għar-riżoluzzjoni tagħha.

Emenda 33

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9
Direttiva 2000/60/KE
Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha twieġeb għal kwalunkwe notifika mill-Istati Membri fi żmien sitt xhur. Meta l-kwistjoni tikkonċerna nuqqas li jintlaħaq status kimiku tajjeb, il-Kummissjoni għandha taġixxi skont l-Artikolu 7a tad-Direttiva 2008/105/KE.

Emenda 34

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11
Direttiva 2000/60/KE
Artikoli 16 u 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) jitħassru l-Artikoli 16 u 17;	***imħassar***

Ġustifikazzjoni

L-Artikoli 16 u 17 jinkludu dispożizzjonijiet siewja għal valutazzjoni u ġestjoni tar-riskju li jimmobilizzaw demokratikament il-partijiet interessati kollha.tar-riskju .

Emenda 35

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 – punt c
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 3 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-residenti tad-distrett tal-baċir tax-xmara kkonċernat jew tal-parti tad-distrett tal-baċir tax-xmara internazzjonali li taqa' fit-territorju ta' Stat Membru jkunu infurmati adegwatament u fil-ħin.

Emenda 36

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4 –punt d
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 3 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"L-Istati Membri għandhom jemendaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom kull meta ***informazzjoni*** ġdida dwar sustanzi niġġiesa, gruppi ta' sustanzi niġġiesa, jew indikaturi tat-tniġġis tindika li jeħtieġ li jiġi stabbilit valur ta' limitu għal sustanza addizzjonali, li valur ta' limitu eżistenti jeħtieġ li jiġi mmodifikat, jew li valur ta' limitu li preċedentement kien tneħħa mil-lista jeħtieġ li jerġa' jiddaħħal. Jekk il-valuri ta' limitu rilevanti jiġu stabbiliti jew emendati fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom għal dawk il-valuri. "; .	"L-Istati Membri għandhom jemendaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom kull meta ***data xjentifika f'informazzjoni*** ġdida dwar sustanzi niġġiesa, gruppi ta' sustanzi niġġiesa, jew indikaturi tat-tniġġis tindika li***, kif irrapportat mill-monitoraġġ fuq il-post fil-livell nazzjonali,*** jeħtieġ li jiġi stabbilit valur ta' limitu għal sustanza addizzjonali, li valur ta' limitu eżistenti jeħtieġ li jiġi mmodifikat, jew li valur ta' limitu li preċedentement kien tneħħa mil-lista jeħtieġ li jerġa' jiddaħħal. Jekk il-valuri ta' limitu rilevanti jiġu stabbiliti jew emendati fil-livell tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadattaw il-lista ta' valuri ta' limitu applikati fit-territorji tagħhom għal dawk il-valuri. "; .

(L-Artikolu 2, il-paragrafu 1, il-punt 4, id-Direttiva 2006/118/UE)

Ġustifikazzjoni

Dan jenfasizza l-importanza tad-data xjentifika u s-sitwazzjoni reali fil-livell nazzjonali.

Emenda 37

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a (ġdid) – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' ħames sustanzi jew gruppi ta' sustanzi u għandha tindika l-matriċijiet ta'	Il-lista ta' sorveljanza għandu jkun fiha massimu ta' ħames sustanzi jew gruppi ta' sustanzi u għandha tindika l-matriċijiet ta'

monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.	monitoraġġ u l-metodi possibbli ta' analiżi għal kull sustanza. Dawk il-matriċijiet u l-metodi ta' monitoraġġ ma għandhomx jinvolvu kostijiet eċċessivi ***u lanqas ma għandhom jinvolvu piż amministrattiv*** għall-awtoritajiet kompetenti. Is-sustanzi li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza għandhom jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu joħolqu riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent akkwatiku jew permezz tiegħu u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Din il-lista ta' sorveljanza għandha tinkludi sustanzi ta' tħassib emerġenti.

Emenda 38

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a (ġdid) – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.	Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza. ***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk l-inklużjoni tal-metaboliti mhux rilevanti tal-pestiċidi (NrMs) fil-lista ta' sorveljanza hijiex meħtieġa biex tittejjeb id-disponibbiltà tad-data dwar il-preżenza tagħhom fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.***

(Din l-emenda tikkorrispondi għal emenda għad-Direttiva 2008/105/KE, Anness I – tabella – ringiela 7.)

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva (UE) 2020/2184 dwar l-Ilma tax-Xorb ma tistabbilix valur ta' limitu għall-metaboliti mhux rilevanti tal-pestiċidi (NrMs). Peress li l-istandards tal-kwalità għall-ilma tax-xorb għandu jkollhom l-ogħla livell relattivament fir-rigward ta' standards oħra tal-kwalità tal-ilma, mhuwiex evidenti għaliex għandhom japplikaw standards aktar stretti għal

tipi oħra ta' ilma. Minflok, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li żżid l-NrMs mal-listi ta' sorveljanza li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 2(6) u l-Artikolu 3(7) tal-proposta.

Emenda 39

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a (ġdid) – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-informazzjoni li ġejja:	L-ECHA għandha tħejji rapporti xjentifiċi sabiex tgħin lill-Kummissjoni fl-għażla tas-sustanzi għal-lista ta' sorveljanza, filwaqt li tqis l-evidenza ewlenija tal-għarfien xjentifiku u l-informazzjoni li ġejja:

Emenda 40

Proposta għal direttiva
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6
Direttiva 2006/118/KE
Artikolu 6a – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fl-għażla tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi, il-frekwenza tal-monitoraġġ u ż-żmien staġunali għal kull sustanza jew grupp ta' sustanzi, l-Istati Membri għandhom iqisu x-xejriet tal-użu u l-okkorrenza possibbli tas-sustanza jew tal-grupp ta' sustanzi. Il-frekwenza tal-monitoraġġ ma għandhiex tkun anqas minn darba fis-sena.	Fl-għażla tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ rappreżentattivi, il-frekwenza tal-monitoraġġ u ż-żmien staġunali għal kull sustanza jew grupp ta' sustanzi, l-Istati Membri għandhom iqisu x-xejriet tal-użu u l-okkorrenza possibbli tas-sustanza jew tal-grupp ta' sustanzi. Il-frekwenza tal-monitoraġġ ma għandhiex tkun anqas minn darba fis-sena***, għandha tkun ibbażata fuq l-aktar data aġġornata disponibbli, u stabbilita f'livell li jqis b'mod xieraq ix-xejriet tal-użu, l-okkorrenza possibbli tas-sustanza jew tal-grupp ta' sustanzi kif ukoll il-varjabbiltajiet klimatiċi jew staġjonali***.

Emenda 41

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 7
Direttiva 2008/105/KE
Artikolu 8b (ġdid) – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza.	Hekk kif ikunu ġew identifikati metodi ta' monitoraġġ xierqa***, wara diskussjoni pubblika u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti,*** għall-mikroplastiks u għal ġeni ta' reżistenza antimikrobika magħżula, dawk is-sustanzi għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza. ***Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra jekk l-inklużjoni tal-metaboliti mhux rilevanti tal-pestiċidi (NrMs) fil-lista ta' sorveljanza hijiex meħtieġa biex tittejjeb id-disponibbiltà tad-data dwar il-preżenza tagħhom fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva.***

(Din l-emenda tikkorrispondi għal emenda għad-Direttiva 2008/105/KE, Anness I – tabella – ringiela 7.)

Ġustifikazzjoni

Id-Direttiva (UE) 2020/2184 dwar l-Ilma tax-Xorb ma tistabbilix valur ta' limitu għall-metaboliti mhux rilevanti tal-pestiċidi (NrMs). Peress li l-istandards tal-kwalità għall-ilma tax-xorb għandu jkollhom l-ogħla livell relattivament fir-rigward ta' standards oħra tal-kwalità tal-ilma, mhuwiex evidenti għaliex għandhom japplikaw standards aktar stretti għal tipi oħra ta' ilma. Minflok, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li żżid l-NrMs mal-listi ta' sorveljanza li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 2(6) u l-Artikolu 3(7) tal-proposta.

Emenda 42

Proposta għal regolament
Anness III
Direttiva 2006/118/KE
Anness I – tabella – ringiela 2 – nota f'qiegħ il-paġna 12a (ġdida)

Emenda					
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
[Entrata] Nru	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS ([1])	Numru tal-UE ([2])	Standard tal-Kwalità ([3]) [µg/l sakemm ma jkunx indikat mod ieħor]

1	Nitrati	Nutrijenti	mhux applikabbli	mhux applikabbli	50 mg/l
2	Sustanzi attivi fil-pestiċidi, inklużi l-metaboliti, il-prodotti ta’ degradazzjoni u l-prodotti ta’ reazzjoni rilevanti tagħhom (4)	Pestiċidi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	0,1 (individwali) ***([12a(ġdid)])*** 0,5 (total) (5) ***([12a(ġdida)])***
3	Sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) - is-somma ta’ 24 (6)	Sustanzi industrijali	Ara n-nota tat-tabella 6	Ara n-nota tat-tabella 6	0,0044 (7)
4	Karbamażepina	Farmaċewtiċi	298-46-4	mhux applikabbli	0,25
5	Sulfametossażol	Farmaċewtiċi	723-46-6	mhux applikabbli	0,01
6	Sustanzi attivi farmaċewtiċi – total (8)	Farmaċewtiċi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	0,25

Nota f'qiegħ il-paġna (12a) Għall-ilma ħelu użat għall-astrazzjoni u l-preparazzjoni tal-ilma tax-xorb.

Ġustifikazzjoni

Il-valur ta’ limitu individwali u totali għas-sustanzi attivi huwa derivat minn standards ta’ kwalità għall-ilma tax-xorb skont id-Direttiva (UE) 2020/2184. Peress li l-istandards tal-kwalità għall-ilma tax-xorb għandu jkollhom l-ogħla livell relattivament fir-rigward ta’ standards oħra tal-kwalità tal-ilma, mhuwiex ċar għaliex l-istess standard għandu japplika għall-korpi tal-ilma kollha. Għalhekk, u biex ikun hemm konformità mal-approċċ tal-ġestjoni tar-riskju definit mill-Artikolu 8(4) tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb, il-valur limitu għandu japplika biss għall-korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni u t-tħejjija tal-ilma tax-xorb.

Emenda 43

Proposta għal regolament
Anness III
Direttiva 2006/118/KE
Anness I – tabella – ringiela 7

Test propost mill-Kummissjoni					
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)

[Entrata] Nru	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS (1)	Numru tal-UE (2)	Standard tal-Kwalità (3) [µg/l sakemm ma jkunx indikat mod ieħor]
1	Nitrati	Nutrijenti	mhux applikabbli	mhux applikabbli	50 mg/l
2	Sustanzi attivi fil-pestiċidi, inklużi l-metaboliti, il-prodotti ta' degradazzjoni u l-prodotti ta' reazzjoni rilevanti tagħhom (4)	Pestiċidi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	0,1 (individwali)
					0,5 (total) (5)
3	Sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) - is-somma ta' 24 (6)	Sustanzi industrijali	Ara n-nota tat-tabella 6	Ara n-nota tat-tabella 6	0,0044 (7)
4	Karbamażepina	Farmaċewtiċi	298-46-4	mhux applikabbli	0,25
5	Sulfametossażol	Farmaċewtiċi	723-46-6	mhux applikabbli	0,01
6	Sustanzi attivi farmaċewtiċi – total (8)	Farmaċewtiċi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	0,25
7	***Metaboliti mhux rilevanti tal-pestiċidi (NrMs)***	***Pestiċidi***	***mhux applikabbli***	***mhux applikabbli***	***0,1 (9) jew 1 (10) jew 2,5 jew 5 (11) (individwali)***
					0,5 (9) jew 5 (10) jew 12.5 (11) (total) (12)

Emenda					
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)	(6)
[Entrata] Nru	Isem tas-sustanza	Kategorija ta' sustanzi	Numru CAS (1)	Numru tal-UE (2)	Standard tal-Kwalità (3) [µg/l sakemm ma jkunx indikat mod ieħor]
1	Nitrati	Nutrijenti	mhux applikabbli	mhux applikabbli	50 mg/l
2	Sustanzi attivi fil-pestiċidi,	Pestiċidi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	0,1 (individwali)

	inklużi l-metaboliti, il-prodotti ta' degradazzjoni u l-prodotti ta' reazzjoni rilevanti tagħhom (4)				0,5 (total) (5)
3	Sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) - is-somma ta' 24 (6)	Sustanzi industrijali	Ara n-nota tat-tabella 6	Ara n-nota tat-tabella 6	0,0044 (7)
4	Karbamażepina	Farmaċewtiċi	298-46-4	mhux applikabbli	0,25
5	Sulfametossażol	Farmaċewtiċi	723-46-6	mhux applikabbli	0,01
6	Sustanzi attivi farmaċewtiċi – total (8)	Farmaċewtiċi	mhux applikabbli	mhux applikabbli	0,25

Ġustifikazzjoni

Għall-metaboliti mhux rilevanti tal-pestiċidi, id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb ma tistabbilixxix valuri ta' limitu. Għar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, mhuwiex xieraq li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu għall-ilma ta' taħt l-art. Minflok, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li żżid l-NrMs mal-listi ta' sorveljanza li għandhom jiġu stabbiliti skont l-Artikolu 2(6) u l-Artikolu 3(7) tal-proposta.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	Emenda tad-Direttiva 2000/60/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma, id-Direttiva 2006/118/KE dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament u d-Direttiva 2008/105/KE dwar standards ta' kwalità ambjentali fil-qasam tal-politika tal-ilma
Referenzi	COM(2022)0540 – C9-0361/2022 – 2022/0344(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 19.1.2023
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 19.1.2023
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Martin Häusling 8.12.2022
Eżami fil-kumitat	23.3.2023
Data tal-adozzjoni	23.5.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 36 –: 0 0: 10
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Mazaly Aguilar, Clara Aguilera, Álvaro Amaro, Attila Ara-Kovács, Benoît Biteau, Daniel Buda, Isabel Carvalhais, Asger Christensen, Angelo Ciocca, Ivan David, Paolo De Castro, Jérémy Decerle, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Luke Ming Flanagan, Paola Ghidoni, Dino Giarrusso, Martin Häusling, Martin Hlaváček, Krzysztof Jurgiel, Jarosław Kalinowski, Elsi Katainen, Camilla Laureti, Gilles Lebreton, Norbert Lins, Elena Lizzi, Chris MacManus, Colm Markey, Marlene Mortler, Ulrike Müller, Maria Noichl, Juozas Olekas, Bronis Ropė, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Veronika Vrecionová, Sarah Wiener
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Franc Bogovič, Anna Deparnay-Grunenberg, Jan Huitema, Zbigniew Kuźmiuk, Irène Tolleret, Tom Vandenkendelaere
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Mohammed Chahim, Matthias Ecke

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

36	+
ECR	Mazaly Aguilar, Krzysztof Jurgiel, Zbigniew Kuźmiuk, Veronika Vrecionová
NI	Dino Giarrusso
PPE	Álvaro Amaro, Franc Bogovič, Daniel Buda, Salvatore De Meo, Herbert Dorfmann, Jarosław Kalinowski, Norbert Lins, Colm Markey, Marlene Mortler, Anne Sander, Simone Schmiedtbauer, Annie Schreijer-Pierik, Tom Vandenkendelaere
Renew	Asger Christensen, Jérémy Decerle, Martin Hlaváček, Jan Huitema, Elsi Katainen, Ulrike Müller, Irène Tolleret
S&D	Clara Aguilera, Attila Ara-Kovács, Isabel Carvalhais, Mohammed Chahim, Paolo De Castro, Matthias Ecke, Camilla Laureti, Maria Noichl, Juozas Olekas
The Left	Luke Ming Flanagan, Chris MacManus

0	-

10	0
ID	Angelo Ciocca, Ivan David, Paola Ghidoni, Gilles Lebreton, Elena Lizzi
Verts/ALE	Benoît Biteau, Anna Deparnay-Grunenberg, Martin Häusling, Bronis Ropė, Sarah Wiener

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni